# ĠESU’ JWETTAQ IR-RIEDA TA’ MISSIERU

**L-EWWEL QARI**
**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Mikea.**
**Mik 5, 1-4a**

Dan igħid il-Mulej: Int, Betlehem Efrata, l-iżgħar fost il-familji ta’ Ġuda, minnek għad joħroġli dak li għad isaltan fuq Israel; in-nisel tiegħu ġej minn żmien fil-bogħod, minn jiem imbiegħda ħafna. Għalhekk il-Mulej jitlaqhom weħidhom ’il niesu sa ma ’l dik li se teħles titwelldilha t-tarbija. Imbagħad il-bqija ta’ ħutu jerġgħu lura fost ulied Israel. U hu joqgħod jirgħa l-merħla tiegħu bil-qawwa tal-Mulej, fis-sebħ ta’ isem il-Mulej Alla tiegħu. U huma jgħixu bi kwiethom, għax imbagħad is-setgħa tiegħu tkun xterrdet sat-trufijiet ta’ l-art. U dan ikun is-sliem.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu hajr lil Alla.**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 79**
**Reġġagħna għal li konna, Mulej.**

O Ragħaj ta’ Israel, agħti widen;
int li qiegħed fuq il-kerubini, iddi,
qajjem il-qawwa tiegħek,
u ejja ħa ssalvana.

**R/. Reġġagħna għal li konna, Mulej.**

Alla ta’ l-eżerċti, erġa’ ejja:
ħares mis-sema u ara,
u żur ’il din id-dielja.
Ħu ħsieb dak li ħawlet il-leminija tiegħek,
ir-rimja li kabbart għalik.

**R/. Reġġagħna għal li konna, Mulej.**

Ħa tkun idek fuq il-bniedem tal-lemin tiegħek,
fuq il-bniedem li int qawwejt għalik.
Aħna ma nitbegħdux minnek;
aħjina, u aħna nsejħu ismek.

**R/. Reġġagħna għal li konna, Mulej.**

**IT-TIENI QARI**
**Qari mill-Ittra lil-Lhud**
**Lhud 10, 5-10**

Ħuti: Kristu, meta daħal fid-dinja, qal: “Sagrifiċċju u offerta int ma ridtx, imma ġisem int hejjejt għalija; vittmi maħruqa u vittmi għad-dnubiet lilek ma għoġbukx. Jien

imbagħad għidt: Hawn jien, ġejt, biex nagħmel ir-rieda tiegħek, o Alla, - kif fil-ktieb hemm miktub minni."

L-ewwel qal: "Sagrifiċċji u offerti, u vittmi maħruqa u vittmi għad-dnubiet, la ridthom u anqas għoġbuk," għalkemm dawn titlobhom il-liġi; imbagħad qal: "Hawn jien, ġejt, biex nagħmel ir-rieda tiegħek." B'hekk Alla neħħa s-sagrifiċċji ta' l-ewwel, biex iqiegħed flokhom it-tieni. Bis-saħħa ta' din ir-rieda aħna ġejna mqaddsin, permezz ta' l-offerta tal-ġisem ta' Ġesù Kristu magħmula darba għal dejjem.

**Il-Kelma tal-Mulej.**
**Inroddu hajr lil Alla.**

**HALLELUJAH**
**Hallejujah. Hallelujah.**
Hawn jien il-qaddejja tal-Mulej;
ħa jsir minni skond kelmtek!
**Hallelujah.**

**L-EVANĠELJU**
**Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa.**
**Lq 1. 39-45**

F'dawk il-ġranet Marija qamet u marret tħaffef fuq il-għoljiet, f'belt tal-Lhudija. Daħlet għand Żakkarija u sellmet lil Eliżabetta. Malli Eliżabetta semgħet 'il Marija ssellmilha, it-tarbija qabżet fi ħdanha, u Eliżabetta mtliet bl-Ispirtu s-Santu; u nfexxet f'għajta kbira u qalet: "Imbierka inti fost in-nisa, u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek! U minn fejn ġieni dan li omm Sidi tiġi għandi? Għax ara, malli smajt f'widnejja leħen it-tislima tiegħek, it-tarbija qabżet u tqanqlet bil-ferħ fi ħdani. Iva, hienja dik li emmnet li jseħħ kull ma ntqalilha min-naħa tal-Mulej.

**Il-Kelma tal-Mulej.**
**Tifħir lilek Kristu.**